MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 216/2007

**Talba Nru: 216/07PBC**

**Keith Huber (I.D. 417283M) u**
**Jana Farrugia (I.D. 413283M)**

**Vs**

**HIX Limited (C-2327)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u hames liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm405.84c) rapprezentanti spejjez inkorsi mill-istess atturi ghall-akkomodazzjoni gewwa l-lukanda President f’Londra, liema *booking* kellha ssir da parti tas-socjeta’ konvenuta, izda rrizulta illi effittavament

ma kien hemm l-ebda *booking* u kwindi s-socjeta' konvenuta ghandha tirrifondi s-somma ta' mitejn u tlieta u sebghin lira Maltin (Lm273) li kienet thallset mill-atturi lis-socjeta' konvenuta meta originarjament kellu jsir il-*booking* in kwistjoni, kif ukoll mija u tnejn u tletin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm132.84c) rapprezentanti d-differenza fil-prezz illi kellhom jisborsjaw l-atturi ghall-akkomodazzjoni fl-istess lukanda.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' erba' mija u hames liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm405.84c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------